MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1395/2003

**Avukat Dottor David TONNA bħala prokuratur speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' estera Imperial Tobacco Limited**

**vs**

**Avukat Dottor Beppe FENECH ADAMI u l-P.L. Veronica Rossignaud li b'Degriet tad-19 ta' Jannar, 2004, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lis-Soċjeta' estera COM-DOM KFT, tal-Ungerija**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-24 ta' Diċembru, 2003, li bih l-attur *nomine* ippremetta;

Illi l-kumpannija attriċi Imperial Tobacco Limited ta' P.O. Box 244, Upton Road, Bristol, BS99 7UJ, tal-Ingilterra hija proprjetarja tal-marka tas-sigaretti "SUPERKINGS" kif

ukoll propjetarja tas-sinjal distintiv li jinsab fuq l-istess pakketti tas-sigaretti skond kif jidher fuq id-Dokument “A”;

Illi s-soċjeta’ attriċi hija detentriċi tad-dritt ta’ proprjeta’ industrijali tal-istess kelma “SUPERKINGS” u s-sinjal distintiv fil-komplessita tagħhom reġistrati f’Malta taħt *Trademark No.* 28246*,* fir-Reġistru tal-Markji, skond l-estratt awtentikat maħruġ mill-istess Reġistru tal-Markji (kif muri f’Dok “A”), ai termini tal-Artiklu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Miżuri Intrakonfini), KAP 414 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi jirriżulta mill-Polza ta’ Kargu Numru CNGBBCN3A0884, li l-konsenjatarji tal-konsenja in kwistjoni huma COM-DOM KFT, Andrassy UTC 46, H1061 Budapest, tal-Ungerija, mentri d-dettalji tax-*Shipper* huma Yong Shui Trade Co. Ltd., 27 Zhihui Road, Ningbo, People’s Republic of China;

Illi jirriżulta li l-konsenja in kwistjoni ddaħħlet ġewwa Malta fl-1 ta’ Diċembru 2003 fuq il-vapur “MV Longkou”, u/jew ġiet importata temporanjament u/jew tqiegħdet ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles, fejn l-imsemmija konsenja ta’ sigaretti tikkonsisti fi tmien mija u tmienja u disgħin (898) kaxxa magħrufa bħala *master cases* b’*Container* Nru. **CCLU 6163115** bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artiklu 4 tal-KAP. 414;

Illi dawn is-sigaretti in kwistjoni jikkontravvjenu id-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali tas-soċjeta’ attriċi, skond l-Artiklu 2(1)(a) (i) u (iii), tal-KAP. 414, li favur tagħha hemm irreġistrat il-markju u distintiv “SUPERKINGS”, billi instab illi dawn l-istess sigaretti huma prodotti ffalsifikati skond l-analiżi li għamlet is-soċjeta’ attriċi (ara rapport ta’ analiżi mmarkat bħala Dokument “B”);

Illi d-dħul ġewwa Malta, importazzjoni temporaneju u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta’ oġġetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta’ intellettwali huwa projibit skond l-Artiklu 4 ta’ l-istess KAP 414 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi din il-konsenja ta' sigaretti bħalissa tinsab miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana fin-'New Port Bonded Stores", Marsa wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' attriċi lill-istess Kontrollur wara li ġew provduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-każ (kopja tal-applikazzjoni mmarkata bħala Dok. "E");

Għaldaqstant, l-attur nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sigaretti in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li għamlet is-soċjeta' attriċi lill-istess Kontrollur, huma ffalsifikati;

2. Tiddikjara illi tali sigaretti ffalsifikati jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tat-*Trademark* reġistrat bin-Numru 28246 tal-Markju "SUPERKINGS" u/jew s-sinjal distintiv li jifforma parti mill-istess *Trademark;*

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dħul ġewwa Malta, l-importazzjoni temporaneju u/jew tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' din il-konsenja sigaretti ffalsifikati li tikkonsisti fi tmien mija u tmienja u disgħin (898) *master cases,* tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intelletwali (Miżuri Intrakonfini), KAP 414 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana li jiddistruġġi s-sigaretti in kwistjoni mingħajr ebda kumpens lil, u għas-spejjeż ta', is-soċjeta' konvenuta skond l-Artiklu 8 tal-KAP 414;

5. Tordna kull rimedju ieħor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini), KAP 414 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tas-soċjeta' attriċi;

6. Tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex tħallas l-ispejjeż kollha fir-rigward tat-trasport u tal-ħażna tas-sigaretti in kwistjoni kif ukoll l-ispejjeż tal-garanzija

bankarja maħruġa mis-soċjeta' attriċi favur il-Kontrollur tad-Dwana skond it-termini tal-KAP. 414;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk l-ispejjeż kollha tad-Dwana fir-rigward tal-ħażna u distruzzjoni tas-sigaretti in kwistjoni, kontra l-kumpannija konvenuta li minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine*, flimkien mal-ħames (5) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha tal-24 ta' Frar, 2004[1], li bih u fuq talba magħmula mill-attur *nomine* b'rikors tiegħu tad-19 ta' Frar, 2004, ordnat il-bidla f'xi kliem tal-Att taċ-Ċitazzjoni;

Rat in-Nota mressqa fl-20 ta' Mejju, 2004, li biha l-Kuraturi Deputati eċċepew;

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u jirriżervaw illi jippreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkunu edotti mill-fatti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Kuraturi Deputati;

Semgħet ix-xhieda tal-attur *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-Kuratur Deputat waqt is-smigħ tal-15 ta' Ġunju, 2004, dwar l-impossibilita' tiegħu li jikkomunika mal-kumpannija minnu rappreżentata;

Rat id-Degriet tagħha tas-27 ta' Ottubru, 2004, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[1] Paġ. 14 tal-proċess

Illi b'din il-kawża, il-kumpannija attriċi qegħda titlob li jiġi dikjarat li kunsinna ta' sigaretti li ddaħħlet fil-Port Ħieles ta' Malta fl-ewwel (1) ta' Diċembru, 2003, abbord il-bastiment *Mv Longkou* kienet falza u għalhekk qegħda titlob il-qerda tagħha;

Illi, min-naħa tagħhom, il-Kuraturi Deputati mħarrkin qegħdin jgħidu li ma jistgħux imieru lill-kumpannija attriċi għaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Huma ippruvaw jieħdu l-fehma tal-kumpannija barranija li qegħdin jirrappreżentaw, imma din ma bagħtitilhom l-ebda kumment jew direttiva dwar x'għandhom jgħidu għax-xilja tal-kumpannija attriċi;

Illi l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li tipprovdi l-liġi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini)[2] (Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta), b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-istess Att;

Illi mill-provi - li fil-biċċa l-kbira huma dokumentali - mressqa mill-attur *nomine* jirriżulta li sa mill-1998, il-prodotti tat-tabakk bil-marka "*Superkings*" kienu reġistrati mal-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali f'Malta[3] bħala marka kummerċjali (*trademark*), u għalhekk imħarsa mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 29 tal-Liġijiet ta' Malta. It-titolari tal-jedd imħares hija l-kumpannija attriċi barranija Imperial Tobacco Limited;

Illi jirriżulta li nhar it-Tnejn, 1 ta' Diċembru, 2003, daħal il-bastiment *Mv Longkou* fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk, mgħobbi b'għadd ta' *containers*. Wieħed minn dawn il-*containers* (numru CCLU 6163115) kellu dikjarazzjoni li l-konsenja kienet ta' viti tal-ilma. Tagħrif li wasal lid-Dipartiment tad-Dwana mingħand l-O.L.A.F. kien jgħid li kien hemm indikazzjoni li, minbarra l-viti kien hemm ukoll kwantita' ta' sigaretti. Il-bastiment kien salpa minn port fiċ-Ċina u l-*container* kien destinat għall-port ta' Kostanza fir-Rumanija, b'sistema ta' ġarr bi trasbord. Tqanqal is-suspett li dawk is-sigaretti, għalkemm jidhru li kienu tal-marka *WSuperkings*, kienu foloz. Dan għaliex fuqhom

[2] Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta
[3] Dok "A", f'paġ. 7 tal-proċess

kien hemm indikazzjoni li kien tħallas dazju fir-Renju Unit. Saret investigazzjoni mill-uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana u rappreżentant tal-aġent tal-*container* l-għada li wasal it-tagħrif, jiġifieri fit-3 ta' Diċembru, 2003, filgħodu;

Illi d-Dipartiment seħħlu jsib min kien ir-rappreżentant tal-marka tas-sigaretti in kwestjoni biex jgħarrfu bis-sejba. Minnufih, l-attur *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana jżomm ir-rilaxx tal-imsemmi *container*[4]. Il-Kontrollur laqa' t-talba wara li ntwera d-dokumentazzjoni meħtieġa mill-kumpannija attriċi dwar il-jeddijiet tagħha u l-interess tagħha li tressaq l-ilment dwar il-konsenja mniżżla l-art: hija ntalbet ukoll tressaq garanzija xierqa, iffissata fis-somma ta' ħamest elef lira Maltija (Lm 5,000), liema garanzija ngħatat f'idejn il-Kontrollur[5] fl-għamla ta' garanzija bankarja f'dak l-ammont;

Illi, minbarra dan, l-attur *nomine* bagħat kampjun ta' erba' stikek sigaretti milli kienu fl-imsemmi *container* lil-laboratorji tal-kumpannija attriċi, biex teżaminahom. Din bagħtet rapport lill-attur *nomine* ftit jiem wara[6]. Minn dan ir-rapport joħorġu għadd ta' differenzi (kemm fil-kartuna, kif ukoll fil-pakketti u fis-sigaretti nfushom) bejn dawk manufatturati minn jew skond il-liċenza tal-kumpannija attriċi u dawk li tniżżlu fil-Port Ħieles minn dak il-*container*;

Illi l-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża fl-24 ta' Diċembru, 2003, u jidher li l-kontenut tal-*container* kien għadu miżmum taħt is-setgħat tal-Kontrollur tad-Dwana;

Illi l-kumpannija mħarrka ma meriet xejn mill-provi mressqa mill-kumpannija attriċi. Il-Qorti tifhem li kien il-Kontrollur tad-Dwana nnifsu li għarraf lill-kumpannija attriċi bl-isem tal-kumpannija mħarrka[7]. Il-Kuraturi maħtura biex jidhru għaliha ma ngħataw l-ebda tagħrif dwar x'kellhom jagħmlu dwar ix-xiljiet imressqa mill-kumpannija attriċi, u dan minkejja li jidher li ippruvaw jieħdu mingħandha d-direttivi tagħha;

---

[4] Dok "E", f'paġ. 15 tal-proċess
[5] Xhieda ta' George Scerri 15.6.2004, f'paġ. 43 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġġ. 9-10 tal-proċess
[7] Art. 7(2) tal-Kap 414

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma’ dak li tipprovdi l-liġi, jinstiltu l-konklużjonijiet li ġejjin:

a. il-kumpannija attriċi hija detentriċi ta’ dritt li għalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tiegħu;

b. illi s-sigaretti mniżżla l-art f’Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attriċi u lanqas jidher li ġew manufatturati bil-kunsens tagħha, u dan għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c. li d-dħul tal-imsemmija sigaretti, imqar jekk fl-ambitu tal-Port Ħieles, huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attriċi;

d. jidher li l-kumpannija attriċi wettqet ukoll l-obbligi tagħha dwar tagħrif mogħti lill-awtoritajiet kompetenti f’Malta għall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e. jidher ukoll li l-kumpannija ressqet il-garanzija meħtieġa biex tingħata widen għat-talba tagħha li s-sigaretti jinżammu mill-Kontrollur skond l-artikolu 5(12) tal-Att;

f. illi l-kampjuni mogħtijin lill-kumpannija attriċi u minnha mibgħuta barra minn Malta għall-eżamijiet meħtieġa huwa proċess maħsub mil-liġi[8] u kien ta’ għajnuna kbira biex il-kumpannija attrċ`i setgħet bdiet il-proċeduri xierqa fl-iqsar żmien, u biex jiġi determinat li s-sigaretti kienu tassew foloz;

g. it-talba tal-kumpannija attriċi biex il-konsenja ta’ sigaretti in kwestjoni tiġi meqruda hija waħda mill-effetti li l-liġi[9] taħseb għalihom dwar id-dħul f’Malta ta’ ħwejjeġ falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

ħ. l-falsita’ tal-imsemmija ħwejjeġ (is-sigaretti u l-pakketti li jinsabu fihom) tinsab ippruvata fi grad tekniku biżżejjed, u

---

[8] Art. 7(3) tal-Kap 414
[9] Art. 8(1)(a) tal-Kap 414

ammissibbli fil-liġi, li l-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li taħtar espert biex jagħmel kostatazzjonijiet oħrajn;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb biżżejjed li l-kumpannija attriċi kellha raġun temmen li s-sigaretti li ddaħħlu f'Malta fl-1 ta' Diċembru, 2003, kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali tagħha kif imħarsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-ħelsien tagħhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx ħafif għaliha li tagħmel tajjeb għalih jekk mhux biż-żamma għal dejjem tagħhom jew bil-qerda tagħhom, ukoll jekk kien maħsub li l-aħħar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiż ieħor barra minn Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin Kuraturi Deputati;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-kunsinna ta' sigaretti mniżżla l-art fil-Port Ħieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-bastiment *Mv Longkou* ġo *container* bin-numru CCLU6163115 fl-1 ta' Diċembru, 2003, kienu foloz għall-finijiet u effetti kollha tal-Att VIII tal-2000;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tiddikjara li l-manufattura u l-produzzjoni tal-imsemmija sigaretti tikser il-jeddijiet tal-kumpannija attriċi bħala s-sid reġistrat tal-marka *Superkings* jew tas-sinjal distintiv li jifforma parti mit-*Trademark* 28246;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tiddikjara li d-dħul f'Malta tal-imsemmija konsenja ta' tmien mija u tmienja u disgħin (898) *master cases* ta' sigaretti foloz jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet attriċi** u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jipproċedi għall-prattiki kollha meħtieġa, inklużi l-għoti minnu ta' kull direttiva lilu mogħtija b'setgħa mil-liġi, għall-qerda tal-kunsinna tas-sigaretti foloz fuq imsemmija, u dan sa mhux aktar minn xahar kalendarju minn dak inhar li jiġi notifikat, a kariku

tal-kumpannija attriċi, b'kopja awtentikata ta' din is-sentenza;

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka biex tħallas l-ispejjeż kollha marbuta mal-ġarr u l-ħażna tal-imsemmija sigaretti mid-Dipartiment tad-Dwana u kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-ħruġ u l-għoti tal-garanzija bankarja mill-kumpannija attriċi favur il-Kontrollur tad-Dwana;

**Tordna** li sa mhux iżjed tard minn ħmistax-il (15) jum tax-xogħol minn dak inhar li l-ordni tal-Qorti għall-qerda tas-sigaretti titwettaq, il-Kontrollur tad-Dwana jdaħħal Nota fl-atti ta' din il-kawża li biha jgħarraf lill-Qorti bl-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qerda mogħtija b'din is-sentenza, jew, fin-nuqqas, ir-raġunijiet għaliex l-ordni ma tkunx twettqet; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin Kuraturi Deputati *nomine* jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża kif mitluba mill-attur *nomine.*

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------